**1 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Albert Camilleri *et*

*versus*

Avukat Richard Galea Debono *et*

**Preskrizzjoni**

*L-istitut tal-preskrizzjoni jiżgura li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet jiġu definiti peress li l-ordinament ġuridiku ma jistax jippermetti illi l-litiġi jibqgħu imdendlin mingħajr ma jiġu riżolti.*

*Però dejjem u kostantement ġie ritenut fid-dottrina li ġiet ukoll segwita mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, illi dan l-istitut għandu jiġi interpretata bl-aktar mod restrittiv u li, fil-kap ċivili, il-Qorti m'għandhiex testendi l-aplikazzjoni ta' eċċezzjoni mogħtija a bazi ta' preskrizzjoni la b'mod ġeneriku u lanqas billi tapplika artikolu tal-liġi b'analoġija ma' artikolu ieħor.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata mill-atturi fit-3 ta' Settembru, 1994 fejn ippremettew:

Illi l-Korporazzjoni kienet intrabtet li tintroduċi għall-impjegati tagħha skema ta' pensjoni simili għal dik li kienet

operattiva mill-Gvern, liema obbligu l-Korporazzjoni kienet assumiet bi skrittura ddatata 22 ta' Lulju, 1975 u sussegwentement ikkonfermata bi ftehim ieħor li sar mill-istess Korporazzjoni fis-sena 1981;

Illi l-atturi huma ġà mpjegati ta' l-istess Korporazzjoni li ftit żmien qabel l-iffirmat tal-ftehim fuq riferit, preċiżament fl-1 ta' Jannar, 1975 kienet assumiet is-servizz allura pprovdut mill-*Cable and Wireless Limited* ta' liema l-atturi ukoll kienu oriġinarjament impjegati;

Illi l-Korporazzjoni naqset mill-obbligu kontrattwali tagħha u dan in-nuqqas huwa pales filli hija qatt ma implimentat u qiegħda tirrifjuta li tintroduċi l-iskema tal-pensjoni *ai termini* tal-ftehim li għalihom saret referenza;

Illi l-intendiment għall-introduzzjoni ta' l-iskema ta' pensjoni sar fi sfond ta' ċirkostanzi konnessi ma' l-assunzjoni mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ġà pprovduti mill-*Cable and Wireless Limited* fir-rigward kundizzjonijiet ta' xogħol ta' ex-impjegati ta' din ta' l-aħħar li ġew inkorporati bħala impjegati tal-Korporazzjoni bi tnaqqis fis-sular għal-liema l-iskema kienet ser tagħmel tajjeb;

Illi l-atturi, illum pensjonanti, sofrew u qegħdin isofru danni finanzjarji minħabba l-inadempjenza tal-Korporazzjoni u dana kif jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi kull tentatti anke reċenti biex tinstab soluzzjoni għall-vertenza ġie reż inutili minħabba l-intransiġenza tal-Korporazzjoni li anke opponiet ir-rinviju f'ġudizzju quddiem it-Tribunal Industrijali biex l-istess tiġi determinata;

Talbu li għalhekk il-konvenut fil-kapaċità tiegħu fuq

premessa jgħid għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-ftehim tat-23 ta' Lulju, 1975 u dak sussegwenti milħuq fis-sena 1981 huwa validu u viinkolanti; u dana prevja jekk il-każ li l-Korporazzjoni hija inadempjenti fl-obbligi minnha assunti *ai termini* ta' l-istess ċitat ftehim;

B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi u bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine* li jibqa' nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tagħhom u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta ppreżentata fit-22 ta' Novembru, 1993 fejn eċċepew:

Illi preliminarjament it-talba attriċi hija insostenibbli stante li l-Qorti ma tistax tintalab tagħti deċiżjoni purament dikjaratorja dwar il-validità o meno ta' kuntratt. Talba f'ċitazzjoni trid tittenta tasal għal rimedju effettiv u legali u ma tistax timmira lejn dikjarazzjoni *pur et sempliciter*;

Mingħajr preġudizzju ukoll, it-talba attriċi hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha u l-lista tax-xhieda;

Fil-kawża kienu qegħdin jinġabru l-provi quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran sakemm fil-5 ta' Frar, 1996 il-Korporazzjoni konvenuta eċċepiet ulterjorment il-

preskrizzjoni għat-talbiet attriċi a bażi ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16, tal-Liġijiet ta' Malta;

Huwa ovvju illi l-andament tal-kawża kellha tiġi interrotta proċeduralment sakemm tiġi deċiża dina l-eċċezzjoni preliminari;

Din l-eċċezzjoni ġiet ittrattata fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 1996 fejn xehed ukoll rappreżentant tal-Korporazzjoni konvenuta u dan għall-fini ta' l-artikolu 2160 (1), Kapitolu 16;

Jingħad minn issa li għalkemm il-kliem użat mill-istess xhud mhuwiex tant idoneu, l-Qorti tifhem illi n-nuqqas ta' rikonoxximent tad-debitu jista' jservi bħala stqarrija li l-Korporazzjoni konvenuta mhijiex debitriċi u dana fit-termini stipulati mill-istess artikolu 2160;

L-artikolu 2156 (f) li fuqu hija bbażata l-eċċezzjoni ulterjuri hekk jipprovdi:

"L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond dina l-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku";

L-atturi tramite l-abbli difensur tagħhom isostnu li dana l-artikolu mhuwiex applikabbli għall-każ preżenti. Di più jsostnu ukoll li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tingħata meta jkun hemm kontestazzjoni fil-meritu;

Irid jingħad illi l-filosofija legali li tiġġustifika dan l-istitut ta' preskrizzjoni, huwa illi wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet

*bejn partijiet iridu jiġu definiti. L-ordinament ġuridiku ma jistax* jippermetti illi l-litiġi jibqgħu mdendlin mingħajr ma jiġu riżolta. Dan mhux biss għax fih innifsu jista' jkollu effett negattiv soċjali/legali iżda ukoll, mil-lat prattiku għax aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar isir diffiċli biex jitressqu dawk il-provi neċessarji *a tempo vergine* biex issir il-ġustizzja. Dan il-prinċipju però għandu jkun kontro-ibbilanċjat bil-fatt illi l-preskrizzjoni f'diversi każijiet fejn tingħata l-eċċezzjoni b'suċċess, twassal biex obbligazzjoni verament eżistenti tiġi estinta;

Huwa għalhekk illi dejjem u kostantement ġie ritenut fid-dottrina li ġiet ukoll segwita mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi dan l-istitut għandu jiġi interpretat bl-aktar mod restrittiv u li fil-kamp ċivili l-Qorti m'għandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eċċezzjoni mogħtija a bażi ta' preskrizzjoni la b'mod ġeneriku u lanqas billi tapplika artikolu tal-liġi b'analoġija ma' artikolu ieħor;

Fi ftit kliem il-Qorti hija obbligata li teżamina bil-lenti jekk l-artikolu kkwotat ikoprix it-talbiet attriċi;

Fil-każ preżenti għandu jkun ovvju illi l-artikolu 2156 (f) jitkellem fuq azzjonijiet għall-ħlas ta' kreditu. Huwa daqstant ovvju illi fiċ-ċitazzjoni attriċi ma hemm ebda talba ta' din in-natura. Il-Qorti jidhrilha li żgur mhux il-kompitu tagħha f'din is-sentenza parzjali, tmur oltre u tispekula x'jista' jiġri fil-futur fil-każ li dina l-azzjoni attriċi tirnexxi;

Il-Qorti setgħet waqfet hawn biċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni għar-raġunijiet fuq mogħtija;

Dehrilha però li kellha teżamina u tikkummenta ukoll fuq l-argument legali l-ieħor imressaq mill-atturi, u li, l-eċċezzjoni

ta' preskrizzjoni ma tistax tingħata meta jkun hemm ukoll eċċezzjoni dwar l-ineżistenza assoluta tal-kreditu;

"Huwa veru li hemm ċerti eċċezzjonijiet li jekk jiġu mogħtija jagħmlu mod li ma tistax tiġi mogħtija l-eċċezzjoni tal-prekrizzjoni. Hekk, per eżempju, l-eċċezzjoni ta' l-ineżistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni" (Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri - **Caruana *versus* Spiteri**, 7 ta' Jannar, 1939);

Loġikament però din l-argumentazzjoni għalkemm korretta ma tapplikax għal każ preżenti. Fl-ewwel lok anke t-tieni eċċezzjoni fil-meritu, għalkemm pjuttost vaga ma tistax tiġi interpretata bħala ċaħda assoluta tal-kreditu;

Però u forsi aktar relevanti peress illi kif fuq intqal il-kawżali mhijiex azzjoni għall-kreditu u għalhekk din il-ġurisprudenza ma tistax treġi;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, il-kawża għandha tkompli tinstema' mill-istess Assistent Ġudizzjarju fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà konvenuta;

Spejjeż ta' din is-sentenza huma a karigu tal-Korporazzjoni konvenuta.